StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Ir-Raba' Sena** **STUDJI SOĊJALI (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem: ______________________________** **Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

a. Spjega x'tifhem b'edukazzjoni tul il-ħajja. (5)

b. Fisser **deċentralizzazzjoni ta' poter**. (5)

ċ. Għaliex ngħidu li l-interazzjoni soċjali hi importanti għall-individwu? (5)

d. Spjega u agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' gruppi ta' pressjoni. (3,2)

e. X'nifhmu bil-kelma **multikulturaliżmu**? Teżisti din f'Malta? (3,2)

**25 marka**

**Taqsima B: Aqra l-paragrafu u rrispondi l-mistoqsijiet KOLLHA.**

*Is-soċjalizzazzjoni tirreferi għal ftehim tar-regoli tal-logħba soċjali. Dan jinvolvi ammont sostanzjali ta' dixxiplina personali li tibda bil-kontroll fuq il-muskoli ta' gisimna stess; u l-abbiltà li nifhmu u nikkomunikaw b'lingwa partikolari; it-tagħlim u l-istħarriġ f'bosta snajja' soċjali; l-apprezzament u l-aċċettazzjoni ta' drittijiet u responsabbiltajiet ta' nies differenti.*

*Is-soċjalizzazzjoni tissaħħaħ meta bniedem jiġi ppremjat talli jagħmel xi ħaġa tajba u jġib ruħu kif suppost: ċapċip; għotja ta' flus; midalja; kliem ta' tifħir jew ċertifikat – dawn huma kollha forom ta' sanzjonijiet pożittivi. Is-soċjalizzazzjoni hija wkoll imsaħħa, imma forsi mhux daqshekk, meta individwu jkun ikkastigat talli ġab ruħu b'tali mod li mhux aċċettat: twissija; detenzjoni fl-iskola; xi multa jew sentenza ta' ħabs – dawn huma kollha forom ta' sanzjonijiet negattivi. Premjijiet u kastigi flimkien ngħidulhom sanzjonijiet.*
(Godfrey Baldacchino, 1988: *Introducing Social Studies*)

a. X'nifhmu bil-kelma soċjalizzazzjoni? (5)

b. Min huma l-aġenti tas-soċjalizzazzjoni? (5)

ċ. X'rabta hemm bejn il-kontroll soċjali u s-soċjalizzazzjoni? (5)

d. X'effett għandu fuqna l-peer group? (5)

e. Xi rwol tilgħab l-iskola f'dan il-proċess ta' soċjalizzazzjoni? (5)

f. Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jsaħħaħ il-kultura ta' pajjiż. Kif u għaliex? (5)

ġ. Jista' poplu jgħix flimkien fil-paċi jekk ma jkunx soċjalizzat? (5)

**35 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn.**

a. X'nifhmu b'identità nazzjonali?

b. X'nifhmu bil-kelma demokrazija? Iddeskrivi ĦAMES karatteristiċi tagħha.

ċ. X'effett qed ikollha s-sekularizzazzjoni fuq pajjiżna?

d. Il-qgħad iġib miegħu problemi personali, familjari u soċjali. Ikkummenta.

**15-il marka**

**Taqsima D: Ikteb komponiment ta' madwar 200-250 kelma dwar WIEĦED minn dawn.**

a. Il-kultura Maltija hi waħda li tagħtina sens ta' kontinwità kif ukoll sens ta' bidla. Iddiskuti dawn il-fatturi billi telabora b'eżempji.

b. L-istituzzjoni tal-familja għaddiet minn ħafna bidliet fl-istruttura tagħha biex waslet fejn hi llum. Tkellem dwar dawn il-bidliet u għid jekk fl-idea tiegħek il-familja bħala istituzzjoni llum hix aħjar jew agħar minn dik ta' dari.

ċ. Ikteb dwar ir-rabta li hemm bejn ix-xogħol u l-ħin liberu. Taħseb li dawn jirriflettu fuq xulxin?

d. X'inhu gvern lokali? Kif għen dan biex saħħaħ dejjem aktar is-sens ta' demokrazija?

**25 marka**
**Total 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers